# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tlieta 4 ta' Dicembru 2001**

**Avviz. numru 682/98**

**Numru 27**

**Elizabeth Carabott**

**vs**

**Franky Gambin**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attrici s-somma ta' hames mija u disgha u tletin liri Maltin (Lm539.00,0) rapprezentanti hlas ta' hames snin u tmien xhur kera tal-fond "Olympic", Flat 4, St Anthony Street, Bugibba li kien mikri lill-konvenut mill-istess attrici, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-avviz sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa (fol 11 tal-atti).

1. Illi t-talbiet tal-attrici ghandhom jigu michuda kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dana stante illi fit-talba taghha l-attrici ma' tistabbilix liema huma l-iskadenzi li ghalihom qed taghmel referenza u z-zmienijiet li jirraprrezentaw l-imsemmija hames snin u tmin xhur kera.

2. Ili minghajr pregudizzju ghas-suespost illi l-eccipjenti mhux dovut ihallas ebda kera lil attrici kif hija talbet fl-avviz fl-ismijiet premessi.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi Charles Carabott, ir-ragel tal-attrici (fol 15 u fol 16 tal-istess atti) spjega li martu, l-attrici, kienet kriet lill-konvenut il-post in kwistjoni versu l-hlas ta' Lm95 fis-sena bhala kera. Wara li inbdew proceduri fil-Qorti ghall-izgumbrament tal-konvenut mill-istess post, dan tal-ahhar beda' jiddeposita l-istess kera fil-Qorti. Meta gew konklusi l-imsemmija proceduri legali, l-attrici riedet tizbanka l-ammont ta' kera

depositat fil-Qorti. Pero, kien irrisulta li l-istess konvenut kien zbanka l-ammont kollu depozitat minnu. Inoltre, permezz ta' nota (fol 21 ibid) l-attrici specifikat l-iskadenzi dovuti bid-dati relattivi ghal kull skadenza, b'kollox Lm570 (ara ukoll fol 23 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 18 u fol 27 et seq ibid) xehed li kienu inbdew l-imsemmija proceduri legali, kontra tieghu u peress li l-attrici f'dan il-perijodu, ma kienetx accettat il-kera dovuta minnghandu, hu kien iddepositaha fir-Registru tal-Qorti. Pero, fi kliemu stess "Kif tlift il-kawza (decisa fis-16 ta' Mejju 1997) la darba ma kontx qed nuza l-post, jiena zbankajt il-flus kollha depozitati fil-Qorti" Jigi notat ukoll li, testwalment, hu, fl-ahhar parti tal-kontro esami tieghu (fol 29 ibid) qal "Jiena nghid li ghandi naghti ta' hames snin kera zgur".

Ikkunsidrat

Illi, fid-dawl tal-premess,din il-Qorti ma tistax tifhem kif il-konvenut jista' jsostni l-eccezzjonjiet sottomessi minnu.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici s-

somma ta' Lm539.00,0 kif, filfatt, hemm mitlub fl-avviz in ezami, bl-imghaxijiet legali mit-13 ta' April 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes. B'riserva "si et quatenus" ta' kull dritt spettanti lill-attrici in rigward ammonti ohra dovuti lilha skond il-ligi.

Alan Calleja
Deputat Registratur